C/2024/878

6.2.2024

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Opinjoni ġenerali 'Sejħa għal Patt Blu tal-UE'"

(opinjoni fuq inizjattiva proprja)

(C/2024/878)

Relaturi: **Kinga JOÓ**
Florian MARIN
Paul RÜBIG
Korelatur: **Péter OLAJOS**

Deċiżjoni tal-Assemblea Plenarja	25.1.2023
Bażi legali	Artikolu 52(2) tar-Regoli ta' Proċedura
	Opinjoni fuq inizjattiva proprja
Sezzjoni kompetenti	Kummissjoni Konsultattiva dwar il-Bidliet Industrijali
Adozzjoni fis-sezzjoni	26.9.2023
Adozzjoni fil-plenarja	26.10.2023
Sessjoni plenarja Nru	582
Riżultat tal-votazzjoni	
(favur/kontra/astensjonijiet)	176/0/1

L-Opinjoni hija r-riżultat ta' disa' Opinjonijiet settorjali tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE) li jiffurmaw parti mill-pakkett tal-Patt Blu [1] peress li l-ġlieda kontra l-iskarsezza tal-ilma għadha ma rċevietx l-attenzjoni politika sħiħa li jistħoqqilha.

1. L-isfidi tal-ilma

1.1. L-istress idriku, jiġifieri nuqqas ta' qbil bejn id-domanda għall-ilma u l-provvista tiegħu, huwa thassib ewlieni u li qed jikber fl-Ewropa. Filwaqt li fl-2010, l-Assemblea Ġenerali tan-NU rrikonoxxiet b'mod espliċitu d-dritt tal-bniedem għall-ilma u s-sanità, globalment madwar 2,2 biljun persuna għad ma għandhomx aċċess għall-ilma tax-xorb ġestit b'mod sikur [2]. Skont l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (EEA), f'sena medja madwar 20 % tal-Ewropa u 30 % tal-Ewropej jintlaqtu minn stress idriku. L-Ewropa tehtieġ tranżizzjoni rapida lejn soċjetà intelliġenti fl-użu tal-ilma. Mingħajr azzjoni, il-faqar tal-ilma ser jaffettwa partijiet dejjem akbar tas-soċjetajiet madwar id-dinja, b'implikazzjonijiet estensivi għall-istabbiltà ekonomika, soċjali u politika.

2. Għaliex qed issir sejħa għal Patt Blu tal-UE?

2.1. L-aċċess għal ilma u sanità ta' kwalità għolja u affordabbli huwa dritt fundamentali, u huwa inaċċettabbli li għad hemm persuni li ma għandhomx aċċess għall-ilma u s-sanità fl-UE.

2.2. L-UE stabbiliet oqfsa legali u żviluppat inizjattivi biex tipproteġi r-riżorsi tal-ilma. Madankollu, ħafna minn dawn l-objettivi ma nkisbux minħabba finanzjament insuffiċjenti, implimentazzjoni bil-mod u integrazzjoni insuffiċjenti

[1] REX/570 — Il-politika dwar l-ilma: Bejn deżertifikazzjoni u sigurtà — Wasal iż-żmien għal diplomazija blu (għadha mhijiex ippubblikata fil-ĠU), ĠU C 349, 29.9.2023, p. 74, ĠU C 349, 29.9.2023, p. 60, ĠU C 146, 27.4.2023, p. 35, ĠU C 146, 27.4.2023, p. 41, ĠU C 349, 29.9.2023, p. 80, ĠU C 349, 29.9.2023, p. 50, ĠU C 349, 29.9.2023, p. 87,ĠU C 349, 29.9.2023, p. 18

[2] NU, Water and Sanitation | Department of Economic and Social Affairs (L-ilma u l-miżuri sanitarji | Dipartiment tal-Affarijiet Ekonomiċi u Soċjali) (un.org)

tal-objettivi ambjentali fil-politiki settorjali. Mis-17-il Għan ta' Żvilupp Sostenibbli, tnejn huma relatati mal-ilma. L-UE għamlet biss progress moderat fir-rigward tal-Għan ta' Żvilupp Sostenibbli (SDG) 14 "Il-Ħajja taħt l-ilma" ([3]). Fir-rigward tal-SDG 6 "Ilma nadif u sanità", ix-xejriet rigward il-kwalità tal-ilma fl-UE huma negattivi, b'żieda ta' konċentrazzjonijiet ta' xi sustanzi niġġiesa tal-ilma tal-wiċċ u tal-ilma ta' taħt l-art.

2.3. Il-Konferenza tan-NU dwar l-Ilma tal-2023 appellat għal impenji radikali biex l-Aġenda ta' Azzjoni dwar l-Ilma tingħata l-ħajja ([4]). Barra minn hekk, il-Kunsill Ewropew jirrikonoxxi "l-ħtieġa għal azzjoni msaħħa tal-UE u dinjija dwar l-ilma" u ssottolinja "l-importanza ta' approċċ strateġiku tal-UE għas-sigurtà tal-ilma" ([5]). Il-Parlament Ewropew stieden lill-Kummissjoni Ewropea tiżviluppa malajr linji gwida dwar il-ġestjoni ta' baċiri idrografiċi kondiviżi transnazzjonali u tiżgura prijoritizzazzjoni bbilanċjata bejn l-użi tal-ilma ([6]).

2.4. L-għodod eżistenti biex jiġu indirizzati l-isfidi tal-ilma għadhom frammentati u l-objettivi relatati mal-ilma mhumiex integrati sew fil-politiki kollha tal-UE. Fid-dawl tal-isfidi involuti, f'Ottubru 2022, il-KESE għażel l-ilma bħala prijorità trasversali għall-2023. Il-KESE jemmen li l-kriżi tal-ilma hija realtà, iżda li mhuwiex tard wisq biex tittieħed azzjoni. Hija meħtieġa bidla fl-iskala; il-qafas ta' politika attwali tal-UE mhuwiex adattat għall-iskop tiegħu u jrid jiġi aġġornat bl-istess determinazzjoni li biha l-UE indirizzat il-kriżi klimatika permezz tal-Patt Ekoloġiku. Il-KESE jitlob tmexxija ċara fil-livelli tal-UE, nazzjonali u reġjonali responsabbli għall-ilma. Il-Kumitat jistieden lill-Kummissjoni Ewropea tibda tindirizza l-ilma bħala prijorità u tipproponi Patt Blu tal-UE bħala prijorità strateġika awtonoma, fuq l-istess livell mal-Patt Ekoloġiku tal-UE.

2.5. Il-Patt Blu tal-UE jrid ikollu komplementarjetà u sinerġija sħaħ mal-Patt Ekoloġiku tal-UE u mal-SDGs.

2.6. L-indirizzar u l-mitigazzjoni tal-konsegwenzi tal-kriżi attwali u futura tal-ilma se jkunu possibbli biss b'governanza adegwata tar-riżorsi tal-ilma. Fir-rigward tal-ilma ħelu, inkluż l-ilma ta' taħt l-art, il-KESE jirrakkomanda approċċ tal-baċir idrografiku li jinvolvi lill-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha. L-inizjattivi ta' kooperazzjoni transfruntiera tal-baċiri idrografiċi li diġà huma fis-seħħ għandhom jiġu approfonditi, żviluppati u ffinanzjati aktar.

2.7. Il-mudell ta' governanza tal-ilma għandu jiddependi fuq responsabbiltajiet ġerarkiċi li huma kapaċi jittrattaw l-interessi differenti tal-ilma tal-Istati Membri, f'sinerġija sħiħa mal-objettivi tal-UE, isolvu l-kunflitti dwar l-ilma, jiżguraw il-komplementarjetà bejn is-sitwazzjonijiet urbani u rurali, u jżidu l-kapaċitajiet ta' monitoraġġ.

2.8. Għandha tiġi stabbilita pjattaforma konsultattiva tal-partijiet ikkonċernati tal-UE biex jiġu kondiviżi l-aħjar prattiki, jiġu żviluppati standards speċifiċi dwar il-kwalità tal-ilma u l-użu tal-ilma fl-agrikoltura u l-industrija u biex jiġu promossi s-sħubijiet u l-ekonomija ċirkolari, filwaqt li jingħabru l-partijiet ikkonċernati u jiġu ġestiti b'mod konġunt mill-KESE, il-Kummissjoni Ewropea, il-Parlament Ewropew u l-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni.

2.9. L-istabbiliment ta' Ċentru Ewropew tal-Ilma li jinkludi dimensjoni internazzjonali jista' jgħin kemm lill-Istati Membri kif ukoll lil pajjiżi oħra, inklużi dawk fil-viċinat Ewropew u lil hinn minnu. Dan iċ-ċentru għandu juri każijiet ta' kollaborazzjoni eċċellenti u joffri rakkomandazzjonijiet ta' politika biex javvanza l-objettivi tal-politika tal-Patt Blu. Il-KESE jappella għal pożizzjoni ddedikata ta' Viċi President tal-Kummissjoni inkarigat mill-portafoll tal-ilma.

2.10. Huwa essenzjali li jkun hemm data trasparenti, faċli biex tiġi aċċessata, interoperabbli, disponibbli għall-pubbliku u affidabbli, miġbura mil-livell tal-kumpaniji tul il-katina kollha tal-prodott, f'konformità mad-drittijiet tal-proprjetà industrijali. Biex il-Patt Blu jiġi estiż, jeħtieġ li nkunu nafu l-istat tal-infrastruttura tal-ilma u d-disponibbiltà tas-servizzi tal-ilma u tas-sanità f'kull Stat Membru. Il-KESE jirrakkomanda li l-Kummissjoni tħeġġeġ lill-Istati Membri jistabbilixxu tali sistemi ta' ġbir ta' data u jikkondividu d-data fil-livell territorjali tal-baċiri idrografiċi.

([3]) Sustainable development in the European Union – Monitoring report on progress towards the SDGs in an EU context – 2023 edition (L-iżvilupp sostenibbli fl-Unjoni Ewropea — rapport ta' monitoraġġ dwar il-progress lejn l-SDGs f'kuntest tal-UE — edizzjoni tal-2023) (mhux disponibbli bil-Malti).

([4]) "Bring the Water Action Agenda to Life", Secretary-General Urges Conference, Calling for Game-Changing Commitments on World's Most Important Resource | UN Press ("Nagħtu l-Ħajja lill-Aġenda ta' Azzjoni dwar l-Ilma", Is-Segretarju-Ġenerali jħeġġeġ lill-Konferenza, Jappella għal Impenji li jbiddlu l-Qagħda Attwali dwar ir-Riżorsa l-Aktar Importanti tad-Dinja | UN Press) (mhux disponibbli bil-Malti).

([5]) Laqgħa tal-Kunsill Ewropew (23 ta' Marzu 2023) – Konklużjonijiet.

([6]) Il-konsegwenzi tan-nixfiet, tan-nirien u ta' fenomeni meteoroloġiċi estremi oħra: żieda tal-isforzi tal-UE fil-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima – Riżoluzzjoni tal-PE tal-15 ta' Settembru 2022.

2.11. Il-Eurostat u l-OECD, bl-għajnuna tal-uffiċċji nazzjonali tal-istatistika, għandhom jiġbru wkoll data aggregata dwar l-ilma tax-xorb u l-ilma mormi minn kumpaniji ta' utilità pubblika fuq bażi annwali. Peress li aktar data relatata mal-ilma hija disponibbli fl-uffiċċji tal-istatistika tal-Istati Membri, il-KESE jirrakkomanda li tiġi żviluppata metodoloġija komuni fuq bażi usa' sabiex tippermetti l-ġbir ta' data aktar rilevanti fil-livell tal-UE. Il-KESE jitlob li d-data dwar il-prestazzjoni tal-ilma tkopri l-forniturі kollha tal-ilma li jfornu mill-inqas 10 000 m^3 kuljum jew li jservu mill-inqas 5 000 persuna.

3. **Aċċess għal ilma u sanità nodfa u affordabbli**

3.1. Il-faqar tal-ilma huwa preżenti fl-UE, minkejja l-pożizzjoni relattivament favorevoli tal-UE f'termini globali. Filwaqt li l-faqar tal-ilma jaffettwa primarjament lill-gruppi soċjali vulnerabbli, proporzjon ħafna ogħla tal-popolazzjoni tal-UE huwa affettwat minn stress idriku.

3.2. Il-KESE jistieden lill-Kummissjoni Ewropea u lill-Istati Membri jindirizzaw il-faqar tal-ilma, u b'ħekk jallinjaw ukoll mal-prinċipju 20 tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali. Is-servizzi tal-ilma, tas-sanità u tal-iġjene (WASH) għandhom ikunu sostenibbli, ekwi, effettivi, ta' kwalità għolja u affordabbli għal kulħadd fl-UE. Għandha tingħata attenzjoni speċjali lill-gruppi soċjali vulnerabbli u lill-komunitajiet emarġinati. L-iżvilupp tal-infrastruttura għandu jagħti attenzjoni speċifika lis-sidien ta' proprjetà b'nuqqas ta' riżorsi u lill-viċinati urbani u rurali soċjalment żvantaġġati bi ħtiġijiet fit-tul ta' rinnovazzjoni tal-infrastruttura u ta' provvista. Il-KESE jipproponi li jiġi promoss approċċ komuni għall-fehim tal-faqar tal-ilma fil-livell tal-UE u li tiġi żviluppata definizzjoni komprensiva tal-faqar tal-ilma.

3.3. Il-KESE jistieden lill-Kummissjoni tistabbilixxi ħarsa ġenerali tal-miżuri applikati fl-Istati Membri kollha fir-rigward tal-aċċess għall-ilma u s-sanità u l-affordabbiltà, b'mod partikolari għall-konsumaturi vulnerabbli. Abbażi ta' din il-ħarsa ġenerali, għandhom jiġu żviluppati linji gwida komuni għall-Istati Membri, li jiżguraw li l-ebda unità domestika f'sitwazzjoni vulnerabbli ma jkollha l-provvista tal-ilma tagħha maqtugħa.

3.4. L-azzjonijiet għandhom jikkombinaw l-istrumenti tal-politika soċjali, il-miżuri tal-politika tad-djar, u inizjattivi speċifiċi li jikkonċernaw is-servizzi WASH. Il-prinċipju tas-solidarjetà għandu jitqies fil-finanzjament ta' tali miżuri; flimkien mal-finanzjament pubbliku, għandhom jiġu esplorati forom innovattivi ta' finanzjament, eż. l-istabbiliment ta' fondi trasparenti ddedikati inkorporati fil-kontijiet tal-ilma. Il-KESE jipproponi li l-provvista tal-ilma u s-sanità ta' kwalità għolja u affordabbli għandhom ikunu soġġetti għal regolamentazzjoni ċara, li tiggarantixxi obbligi ta' servizz sabiex ħadd ma jitħalla jibqa' lura.

3.5. Peress li l-ilma huwa ġid pubbliku, il-KESE jappella għall-implimentazzjoni tal-prinċipju tal-aċċess universali għall-WASH għar-residenti kollha tal-UE, bi prezz affordabbli. Il-KESE jenfasizza li hemm kunsens wiesa' li l-awtoritajiet pubbliċi jistgħu jiggarantixxu aċċess universali għas-sistemi tal-ilma u tad-drenaġġ bi prezz affordabbli u bi standards ta' kwalità adegwati. Il-KESE jitlob ukoll li l-ilma tax-xorb ikun disponibbli liberament għaċ-ċittadini kollha tal-UE permezz ta' funtani u sorsi tal-ilma aċċessibbli f'postijiet pubbliċi, f'konformità mad-Direttiva (UE) 2020/2184 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([7]).

4. **Infrastruttura tal-ilma sostenibbli u reżiljenti**

4.1. Hija meħtieġa strateġija fit-tul biex tiżdied ir-reżiljenza kontra l-iskarsezza tal-ilma, fid-dawl tal-ispeċifiċitajiet klimatiċi reġjonali u l-karatteristiċi industrijali. Il-KESE jappella għal leġiżlazzjoni konsistenti fl-Istati Membri kollha biex jiġi stabbilit mekkaniżmu tal-UE għall-ħżin tal-ilma matul il-perjodi tax-xita. Dan jista' jinkiseb billi jinbnew tankijiet tal-ħżin u sistemi għall-mili mill-ġdid tal-akwifer taħt l-art, jew billi jitnaqqas l-issiġillar tal-ħamrija biex tissaħħaħ il-kapaċità tal-ħżin tal-ħamrija u, fuq kollox, billi tiżdied l-afforestazzjoni u jsir investiment f'soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura bħal "bliet sponża".

4.2. L-Istati Membri kollha għandhom iżommu reġistru tal-ilma tal-wiċċ u ta' taħt l-art estratt kif ukoll tal-ħżin tal-ilma tal-wiċċ. Il-KESE jilqa' d-deċiżjoni tal-Kummissjoni fir-riformulazzjoni tad-Direttiva dwar l-Ilma tax-Xorb biex jitnaqqas kemm jista' jkun it-telf tal-ilma mill-pajpijiet tal-ilma ([8]). Il-KESE jappella għal evalwazzjoni bir-reqqa u immedjata tas-sistemi tad-drenaġġ taħt l-art fl-Istati Membri kollha u għall-immappjar tar-riżorsi tal-ilma u l-investimenti f'kull Stat

([7]) Id-Direttiva (UE) 2020/2184 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2020 dwar il-kwalità tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem (ĠU L 435, 23.12.2020, p. 1).
([8]) ĠU L 435, 23.12.2020, p. 1.

Membru sabiex tinkiseb informazzjoni aġġornata dwar l-istat tal-infrastruttura tal-ilma eżistenti u jiġu identifikati l-ħtiġijiet urġenti ta' investiment. L-Indiċi ta' Tnixxija Infrastrutturali għandu jibbenefika minn miri gradwalment imnaqqsa obbligatorji fil-livell tal-Istati Membri.

4.3. It-telf tal-ilma minħabba tnixxijiet fin-networks u l-ilma mormi fl-agrikoltura, fl-industrija jew fit-turiżmu għandu jitnaqqas b'mod sinifikanti. Il-KESE jinsisti li tiġi indirizzata l-ħtieġa li jiġi indirizzat l-ilma li ma jasalx għand il-konsumatur billi tingħata prijorità lill-inizjattivi ta' manutenzjoni li għaddejjin bħalissa biex jitnaqqsu b'mod sostanzjali t-tnixxijiet tal-ilma u tittejjeb ir-riċerka dwar teknoloġiji avvanzati għad-detezzjoni ta' tnixxijiet.

4.4. L-isforzi favur industriji newtrali għall-klima għandhom jikkunsidraw ukoll l-emissjonijiet industrijali fl-ilma, l-impatti negattivi fuq is-saħħa tal-bniedem, u l-kostijiet soċjali li jirriżultaw għas-soċjetà, il-KESE jappella biex jiġu żviluppati standards speċifiċi dwar il-kwalità tal-ilma u l-użu tal-ilma f'setturi ekonomiċi differenti. Dan jista' jinkiseb billi tinħoloq il-pjattaforma konsultattiva tal-partijiet ikkonċernati tal-UE. Il-ġestjoni tal-ilma, kemm privata kif ukoll pubblika, għandha tiżgura aċċess universali għall-ilma għall-popolazzjoni, filwaqt li tpoġġi l-ħtiġijiet tal-bniedem l-ewwel u tipproteġi l-aċċess kompetittiv għall-ilma għas-settur pubbliku, l-agrikoltura u l-industrija. Il-KESE jenfasizza li t-tranżizzjoni ekoloġika m'għandhiex tpoġġi pressjoni fuq ir-riżorsi tal-ilma, u jappella għal soluzzjonijiet personalizzati f'dan ir-rigward.

4.5. Il-KESE jissuġġerixxi li d-drittijiet ta' astrazzjoni, il-permessi, il-liċenzji, id-drittijiet kuntrattwali u s-sjieda diretta għandhom jiġu mmonitorjati bir-reqqa u rregolati aħjar biex jiġi evitat li jiġu sfruttati għal skopijiet kummerċjali, flimkien ma' regoli restrittivi biexr-riżorsi tal-ilma tal-UE jiġu protetti milli jintużaw fl-interess ta' partijiet ikkonċernati mhux tal-UE. Tali liċenzji u permessi mogħtija għal skopijiet kummerċjali għandhom jibbenefikaw minn qafas regolatorju speċifiku li jkun trasparenti u sostenibbli u jittratta l-ilma bħala ġid komuni. Fl-interessi tas-saħħa pubblika u tal-benesseri taċ-ċittadini tal-UE f'sitwazzjonijiet speċifiċi bħal kriżijiet jew nixfiet, l-istituzzjonijiet pubbliċi għandu jkollhom id-dritt li jirkupraw id-drittijiet għall-użu tal-ilma mis-settur privat bi skambju għal kumpens ġust; fi kriżijiet tal-ilma, in-nies u l-ħtiġijiet umani bażiċi tagħhom iridu jkunu prijorità.

4.6. It-tranżizzjoni blu tinvolvi t-tneħħija gradwali ta' proċessi li huma ineffiċjenti fl-użu tal-ilma, is-sejbien ta' soluzzjonijiet konkreti għall-ħaddiema u t-territorji bl-involviment tal-partijiet ikkonċernati. Il-KESE jirrimarka li l-iżgurar tad-disponibbiltà ta' ħaddiema tas-sengħa u ħaddiema speċjalizzati, u ż-żamma tal-kompetittività tan-negozji Ewropej, jeħtieġu azzjoni speċifika fil-livelli kollha. Il-Kumitat jappella għal pjan ta' azzjoni transsettorjali għall-ilma u għal investiment fil-kundizzjonijiet tax-xogħol, impjiegi ta' kwalità u taħriġ, speċjalment immirati lejn il-ġenerazzjoni żagħżugħa. L-għarfien espert fil-qasam tal-proċessi tal-iffrankar tal-ilma se jkun kompetenza ewlenija u indikatur ewlieni tal-prestazzjoni għall-industrija fil-futur. Jeħtieġ li jkun hemm stħarriġ sistematiku tar-rekwiżiti tal-persunal fis-settur tal-ilma, inklużi l-kwalifiki meħtieġa, l-iżvilupp tal-forza tax-xogħol u l-ġestjoni tas-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali. Il-KESE jħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tibda l-proċess leġiżlattiv biex toħloq Komunità ta' Konoxxenza u Innovazzjoni ġdida għall-ilma fi ħdan l-Istitut Ewropew tat-Teknoloġija (EIT) u biex issaħħaħ l-approċċ ta' "ħames missjonijiet".

5. **L-użu u l-konsum sostenibbli tal-ilma u t-trawwim ta' opportunitajiet ġodda**

5.1. L-utenti kollha tal-ilma fl-UE, inklużi l-agrikoltura, l-industrija, l-unitajiet domestiċi u l-amministrazzjonijiet pubbliċi, għandhom jadottaw prattiki sostenibbli biex inaqqsu l-konsum tal-ilma, u għandhom jiġu mħeġġa jgħammru lilhom infushom b'apparat li jgħinhom jiksbu użu u konsum tal-ilma aktar sostenibbli. Huwa essenzjali li l-agrikoltura u l-industrija jġarrbu l-kost soċjetali tal-konsum tal-ilma u tal-emissjonijiet tagħhom, peress li dan se jwassal għal prattiki aktar sostenibbli. Id-dekontaminazzjoni għandha tkun ukoll prijorità kostanti.

5.2. L-Ewropa għandha l-opportunità li tittrasforma l-isfidi relatati mal-ilma fi prospetti ġodda għall-iżvilupp tat-teknoloġija, l-avvanz tas-soċjetà u t-tkabbir tan-negozju, bl-għan aħħari li tinkiseb ekonomija li tiggarantixxi s-sigurtà tal-ilma u li tkun reżiljenti, b'opportunitajiet ta' impjieg sħiħ u produttiv, u impjiegi ta' kwalità tajba għal kulħadd. Għaldaqstant jeħtieġ li l-UE tkun minn ta' quddiem nett fid-dinja fl-iżvilupp, il-manifattura u l-użu ta' teknoloġiji effiċjenti fl-użu tal-ilma kif ukoll tistabbilixxi reputazzjoni globali bħala żona ta' produzzjoni b'impronta tal-ilma żgħira. L-investiment strutturat fir-riċerka u l-iżvilupp, il-ġestjoni u l-ħiliet tal-industrija tal-ilma se jkunu essenzjali.

5.3. L-adozzjoni b'suċċess ta' teknoloġiji effiċjenti fl-użu tal-ilma fl-industrija u f'oqsma oħra hija essenzjali biex il-politika sostenibbli tal-UE dwar l-ilma tirnexxi. It-teknoloġiji effiċjenti fl-użu tal-ilma jikkostitwixxu settur industrijali li huwa parti mill-qasam tat-teknoloġiji nodfa, u, bħala tali, it-teknoloġiji effiċjenti fl-użu tal-ilma għandhom ikunu wkoll effiċjenti fl-enerġija. Peress li t-teknoloġija nadifa minnha nnifisha tikkostitwixxi ekosistema industrijali, il-KESE jissuġġerixxi l-ħolqien ta' perkors għat-tranżizzjoni lejn din l-ekosistema fis-sentejn li ġejjin, b'miri ambizzjużi iżda realistiċi, inkluż pjan għall-ġestjoni u l-ħiliet.

5.4. Il-KESE jitlob li ssir distinzjoni ċara fir-rigward tat-tip ta' ilma kkonsmat (ilma ta' taħt l-art, ilma tal-wiċċ, ilma użat mill-ġdid eċċ.) u l-impatt fuq il-bijodiversità u l-ambjent. Huwa jappella għal inċentivi għall-użu mill-ġdid tal-ilma għat-tipi kollha ta' konsumaturi u għal bidla lejn ekonomija ċirkolari tal-ilma. Is-sostituzzjoni tal-użu tal-ilma tax-xorb b'sorsi tal-ilma mhux konvenzjonali għandha ssir in-norma (eż., kull meta jkun possibbli, jintuża l-ilma tax-xita miġbur għat-tisqija tal-ġonna, il-ħasil tal-karozzi, eċċ.).

5.5. Skont ir-Regolament dwar il-Kontijiet Ekonomiċi Ambjentali Ewropej (Ir-Regolament (UE) 691/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([9])), l-istabbiliment ta' kont tal-ilma huwa volontarju. Peress li kont obbligatorju tal-ilma biss jippermetti ħarsa ġenerali madwar l-UE kollha tal-konsum tal-ilma fl-ekonomija kollha u s-setturi tagħha, il-KESE jirrakkomanda li l-Kummissjoni tagħmel il-kontabbiltà tal-ilma obbligatorja.

5.6. L-iskemi kollha tal-Politika Agrikola Komuni (PAK) għandhom jimponu obbligi fuq il-bdiewa fir-rigward tal-użu sostenibbli u effiċjenti tal-ilma u jinkoraġġixxu ġestjoni sostenibbli u effiċjenti tal-ilma, filwaqt li jinkorporaw indikaturi f'kull Stat Membru għall-monitoraġġ tal-progress fil-ġestjoni tal-ilma. Il-PAK u l-fondi l-oħra tal-UE għandhom jikkontribwixxu għall-iżvilupp ta' strutturi ġodda ta' irrigazzjoni, u jevitaw li jappoġġjaw sitwazzjonijiet li jmorru kontra l-objettivi tad-Direttiva Qafas dwar l-Ilma.

5.7. Mekkaniżmi moderni ta' intervent u ta' teħid ta' deċiżjonijiet jistgħu jitħaddmu biss abbażi ta' kejl kontinwu u ġbir ta' data dwar il-flussi tal-ilma u l-użi tal-ilma, bl-użu ta' sensuri awtomatiċi. L-arkitettura attwali ta' din is-sistema fl-UE mhijiex kompluta. Il-KESE jirrakkomanda l-użu tal-Internet tal-Oġġetti, l-intelliġenza artifiċjali ġenerattiva, it-tagħlim awtomatiku u n-networks tal-infrastruttura intelliġenti biex tiġi kkonsolidata soċjetà intelliġenti fl-użu tal-ilma. Il-KESE jirrakkomanda li l-Istati Membri jsaħħu l-isforzi tagħhom biex jistabbilixxu tali sistemi u jikkondividu d-data fil-livell tal-baċiri idrografiċi. Huwa importanti li jiġi żviluppat mekkaniżmu ta' twissija bikrija bbażat fuq teknoloġija intelliġenti dwar l-użu tal-ilma, b'attenzjoni partikolari għaċ-ċibersigurtà.

5.8. Bħala parti mill-Patt Blu tagħha, l-UE jeħtiġilha b'mod urġenti li tiżviluppa politika komprensiva għall-ġestjoni sostenibbli tal-ilma għall-industrija bbażata fuq it-tnaqqis, l-użu mill-ġdid u r-riċiklaġġ tal-ilma, it-tnaqqis tat-tniġġis tal-ilma, u tinkludi enfasi fuq l-industriji intensivi fl-użu tal-ilma u fuq l-introduzzjoni u l-użu inkrementali ta' teknoloġiji effiċjenti fl-użu tal-ilma. Filwaqt li titqies ir-rabta bejn il-materja prima kritika għall-enerġija u l-ilma, l-ilma jrid jiġi stabbilit bħala element fundamentali tal-istrateġija industrijali tal-UE. Hija meħtieġa strateġija fit-tul biex tiġi indirizzata l-iskarsezza tal-ilma u jiġi ffaċilitat l-aċċess tal-industriji għall-ilma. Dan jirrikjedi reviżjoni tal-istrateġija industrijali tal-UE u tad-dokumenti tal-perkors għat-tranżizzjoni tagħha fis-sentejn li ġejjin. Dan l-approċċ settorjali għandu jinkorpora l-karatteristiċi tal-effiċjenza tal-ilma u l-isfidi tal-ilma speċifiċi għal kull settur.

5.9. Il-KESE jappella għal kampanji u azzjonijiet speċifiċi biex jiġi promoss fehim tal-valur tal-ilma fost ir-residenti kollha tal-UE, speċjalment il-ġenerazzjoni żagħżugħa. L-introduzzjoni ta' tikketta tal-konsum tal-ilma, flimkien mat-tikketta tal-enerġija eżistenti tal-UE, għandha tiġi kkunsidrata. Is-soċjetà ċivili organizzata tal-UE għandha rwol vitali fis-sensibilizzazzjoni fost kategoriji differenti ta' konsumaturi dwar l-importanza li jiżdiedu l-effettività u l-effiċjenza tal-konsum tagħhom, kif ukoll dwar miżuri ta' emerġenza għal żmien qasir b'rispons għal sitwazzjonijiet ta' kriżi kkawżati mit-tibdil fil-klima. Huwa importanti li jiġi żgurat li r-residenti tal-UE jkunu jistgħu jeżerċitaw bis-sħiħ il-kontroll demokratiku f'din il-kwistjoni.

6. **Il-finanzjament tal-Patt Blu tal-UE**

6.1. Il-KESE jappella għall-istabbiliment ta' fond umbrella ġdid, imsejjaħ il-Fond ta' Tranżizzjoni Blu, biex jifforma punt ta' aċċess uniku tal-UE għall-investimenti fl-ilma, li jkopri t-tranżizzjoni lejn infrastruttura u ġestjoni sostenibbli tal-ilma, l-adozzjoni ta' teknoloġiji effiċjenti fl-użu tal-ilma, impjiegi u ħiliet, u t-tnaqqis tal-inugwaljanzi fir-rigward tal-aċċess għal ilma u sanità ta' kwalità għolja u affordabbli. Il-Fond għandu jiffinanzja l-implimentazzjoni tal-Patt Blu tal-UE, ikun

([9]) Ir-Regolament (UE) Nru 691/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Lulju 2011 dwar il-kontijiet ekonomiċi ambjentali Ewropej (ĠU L 192, 22.7.2011, p. 1).

operattiv fi żmien massimu ta' erba' snin wara l-adozzjoni ta' din l-Opinjoni, u jinkorpora approċċ tal-baċir idrografiku, bl-użu ta' riżorsi finanzjarji diġà fis-seħħ bħall-Fond Strutturali u ta' Investiment Ewropew (FSIE), il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF), InvestEU u riżorsi finanzjarji innovattivi addizzjonali oħra ([10]).

6.2. Il-KESE jappella għall-iżvilupp ta' strumenti ta' finanzjament sostenibbli bħall-bonds ekoloġiċi, il-bonds soċjali u s-self ekoloġiku, akkumpanjati minn definizzjonijiet konsistenti ta' sostenibbiltà f'diversi ġuriżdizzjonijiet u livell ogħla ta' standardizzazzjoni. Jirrakkomanda wkoll li jiġu rregolati u introdotti bonds blu għall-investimenti fl-ilma fil-livell tal-UE. Is-self tradizzjonali, il-krediti staġjonali, l-għotjiet, il-kapital ta' riskju, l-ekwità privata u pubblika, il-finanzjament kollettiv, u l-fondi tal-pensjonijiet u tal-investiment għandhom ikunu parti mill-investimenti fl-ilma. Il-KESE jqis li huwa kruċjali li jiġu inkorporati l-fatturi ambjentali, soċjali u ta' governanza, ir-reżiljenza fi kriterji ta' evalwazzjoni tal-investiment relatati mal-ilma, u li jiġi promoss l-investiment ibbażat fuq in-natura.

6.3. Il-kundizzjonalitajiet tal-ilma għall-użu sostenibbli tal-ilma għandhom ikunu kriterju fil-fondi kollha tal-UE mqassma lill-Istati Membri, inklużi l-fondi tal-PAK. Il-fatturazzjoni tal-ilma tat-tisqija abbażi taż-żona irrigata għandha tiġi abbandunata gradwalment, u l-enfasi għandha tkun fuq bidla lejn prattiki u teknoloġiji ta' tisqija effiċjenti fl-użu tal-ilma li jeħtieġu inqas ilma.

6.4. Il-KESE jappella għall-istabbiliment ta' sistema ta' taxxi u ħlasijiet addizzjonali għal użu mhux sostenibbli tal-ilma, filwaqt li jiġi inċentivat l-użu sostenibbli tal-ilma. Filwaqt li jqis in-natura pubblika tal-ilma, il-KESE jipproponi ftehim internazzjonali ġdid dwar is-sistema tat-tassazzjoni tal-ilma.

6.5. L-investimenti tal-UE fil-qasam tal-ilma jeħtieġu approċċ fit-tul biex tiżdied ir-reżiljenza kontra l-istress idriku. Il-KESE jissuġġerixxi li għandhom jingħataw trattament speċjali fi ħdan il-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir u jirrakkomanda li tiġi introdotta definizzjoni ċara tar-"regola tad-deheb" għall-investimenti fl-infrastruttura pubblika tal-ilma. Huwa meħtieġ approċċ komuni fost l-Istati Membri biex tiġi żgurata trasparenza suffiċjenti fl-użu tar-regola tad-deheb, filwaqt li jiġu ssalvagwardjati l-makrostabbiltà, il-produttività, u l-pedamenti soċjali u ekoloġiċi għall-benesseri kemm tal-ġenerazzjonijiet attwali kif ukoll dawk futuri.

6.6. L-ilma għandu jiġi rikonoxxut bħala prijorità strateġika fil-perjodu ta' programmazzjoni 2028-2034. Hija meħtieġa flessibbiltà legali addizzjonali, speċjalment fil-liġi tal-akkwist, biex jiġi ffaċilitat l-investiment fl-infrastruttura tal-ilma urban u rurali, flimkien mal-adattament tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat għall-użu multilaterali tal-ilma.

6.7. Il-KESE jqis li huwa kruċjali li jiġu prijoritizzati proġetti li jnaqqsu l-konsum tal-ilma u jiġġeneraw l-użu mill-ġdid tal-ilma fl-Istati Membri kollha, u li r-riżorsi finanzjarji jiġu diretti lejhom. Il-Kumitat jappella għal fondi speċifiċi u riżorsi ġodda ddedikati għar-riċerka u l-innovazzjoni fit-teknoloġiji tal-ilma sabiex jiġi ffaċilitat il-bini tal-kapaċità fl-infrastruttura tal-ilma, u biex tiġi rispettata r-regola ta' 3 % tal-PDG għall-investimenti fir-riċerka.

6.8. L-ilma mhuwiex komodità li tista' tiġi nnegozjata, u għandhom jiġu żviluppati regoli ġodda adattati tas-suq uniku ddedikati għall-ilma. Barra minn hekk, il-prezzijiet, l-ispejjeż u t-taxxi għandhom ikunu ġusti, joħolqu sinerġija mal-isfidi soċjetali, klimatiċi u industrijali attwali u futuri, ikunu trasparenti fir-rigward tal-istruttura tagħhom, iqisu s-sigurtà tal-ilma fit-tul, jinkorporaw il-prinċipju ta' "min iniġġes iħallas", u jissalvagwardjaw l-aċċess universali u l-affordabbiltà għall-gruppi vulnerabbli.

6.9. Il-Kumitat jappella għal approċċ komuni fil-livell tal-UE dwar tfassil ġust tal-prezzijiet tal-ilma, filwaqt li jitqiesu l-interkonnessjonijiet bejn id-diversi rwoli tal-ilma u d-dipendenzi reċiproċi tal-partijiet interessati differenti, u jiġi żgurat li l-ispejjeż (flimkien mat-taxxa) u l-prezz tal-ilma jkunu kompletament trasparenti għall-partijiet interessati kollha. Il-KESE jappella għal metodoloġija tal-UE biex tirrazzjonalizza u tistandardizza s-sistemi tal-ipprezzar tal-ilma u l-possibbiltà li jiġu applikati prezzijiet amministrati f'ċerti sitwazzjonijiet definiti sew.

6.10. L-istruttura tat-tariffi għandha tinkorpora mill-inqas tliet blokok: l-ewwel wieħed għandu jkun blokk tad-drittijiet tal-bniedem li għandu jkun b'xejn u aġġustat għal dak li huwa meqjus bħala l-ammont meħtieġ biex tiġi żgurata l-ħajja; it-tieni blokk ta' konsum jista' jkollu tariffa għall-irkupru tal-ispejjeż; u t-tielet blokk ta' konsum ogħla għandu jkollu prezzijiet ħafna ogħla, li jiġġeneraw sussidju inkroċjat minn użi mhux meħtieġa. Il-prezzijiet tal-ilma għall-attivitajiet ekonomiċi għandhom ikunu bbażati fuq tariffa għall-irkupru tal-ispejjeż.

6.11. Huwa tal-akbar importanza li jiġi żgurat l-allinjament bejn il-politika tal-UE dwar l-ilma u politiki oħra tal-UE, flimkien ma' regolamentazzjoni robusta tas-settur pubbliku u privat biex jiġi żgurat aċċess ekwu għall-ilma għal kulħadd, filwaqt li jiġu evitati l-liberalizzazzjoni u l-monopolizzazzjoni tas-suq tal-ilma.

([10]) Il-Kummissjoni tistma l-ispiża totali tar-riformulazzjoni tad-Direttiva dwar it-Trattament tal-Ilma Urban Mormi għal aktar minn EUR 3,8 biljun ta' flus addizzjonali fis-sena.

6.12. Il-KESE jitlob li ssir distinzjoni ċara bejn l-indikaturi użati fid-definizzjoni u l-evalwazzjoni tal-politiki, l-indikaturi għal skopijiet ta' komunikazzjoni mal-partijiet ikkonċernati u l-konsumaturi, u l-indikaturi tal-investiment. Il-Kummissjoni Ewropea, il-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI) u l- Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp għandhom jużaw sett komuni ta' indikaturi u KPIs (indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni), u għandu jiżdied kapitolu mar-Rapport ta' Prospettiva Strateġika tal-UE u mas-Semestru Ewropew mingħajr dewmien. Il-KESE huwa tal-fehma li l-indikaturi li qed jintużaw bħalissa, bħall-Indiċi Aġġornat tal-Konsum tal-Ilma, għandhom jiġu mmonitorjati bir-reqqa u l-UE għandha tistabbilixxi limiti aktar baxxi u konkreti aċċettati fil-livell tal-pajjiż u tal-baċiri.

7. **Diplomazija Blu**

7.1. L-ilma huwa sors tal-ħajja, strument ta' paċi, sors ta' ċivilizzazzjoni, sors ta' ġid, u parti mill-wirt tagħna; huwa essenzjali għall-ekonomija u ġid komuni fl-istess ħin, u għalhekk għandu jiġi rispettat u protett bħala parti mill-isforzi tagħna biex nieħdu ħsieb il-ġenerazzjonijiet futuri. Minħabba l-iskarsezza tal-ilma li qed tikber, l-ilma qed jinftiehem dejjem aktar bħala assi strateġiku ta' sigurtà; xi drabi jintuża bħala arma, u jista' jkun mira u spiss katalist f'kunflitti ċivili u militari. Azzjoni determinata tad-diplomazija blu trid tiġi integrata fil-politika barranija u r-relazzjonijiet esterni tal-UE, inklużi l-politiki tal-viċinat, tal-kummerċ u tal-iżvilupp. Il-KESE jħeġġeġ lill-UE turi l-impenn tagħha li tavvanza l-SDGs relatati mal-ilma billi taħtar rappreżentant iddedikat għall-ilma, f'konformità mal-eżiti tal-konferenza tan-NU dwar l-ilma.

7.2. L-UE għandha tintensifika l-isforzi tagħha fid-diplomazija blu dinamika u politika, filwaqt li taħdem f'sinerġija mad-diplomazija dwar is-saħħa, u tintegra dawn l-isforzi fil-politika barranija u r-relazzjonijiet esterni tagħha permezz tal-istabbiliment ta' sħubijiet globali dwar l-ilma. L-UE għandha tappoġġja aċċess faċli u mingħajr interruzzjoni għal ilma affordabbli, tiffaċilita l-ġestjoni sostenibbli tal-ilma u tal-ilma mormi, u tippreserva u tipproteġi l-artijiet mistagħdra u l-bijodiversità bħala parti essenzjali mid-diplomazija blu. Minħabba l-approċċ komprensiv tiegħu, il-KESE jitlob li l-prinċipji tal-Patt Blu jsiru pilastru ċar tal-politika esterna tal-UE, filwaqt li din id-dimensjoni tiġi inkluża b'mod sistematiku fil-kuntatti bilaterali u multilaterali tagħha, inkluż meta jiġu nnegozjati ftehimiet kummerċjali.

7.3. Skont it-tbassir, in-nixfiet jistgħu jaffettwaw aktar minn tliet kwarti tal-popolazzjoni tad-dinja sal-2050. Diversi rapporti tan-NU jistmaw li sal-2050, taħlita ta' problemi u kunflitti relatati mal-ilma u mal-klima se ġġiegħel lil madwar biljun persuna biex jemigraw. Fin-Nofsinhar tad-dinja b'mod partikolari, l-aċċess għall-ilma huwa ristrett ħafna. Dan se jkompli jqanqal l-ispostament u l-migrazzjoni lejn it-Tramuntana tad-dinja. Għalhekk, il-KESE jitlob li l-kawżi ewlenin (inkluża l-iskarsezza tal-ilma) jiġu indirizzati, pjuttost milli tittieħed azzjoni kontra r-refuġjati nfushom.

7.4. It-titjib tal-qafas tat-trattat tan-NU dwar kwistjonijiet relatati mal-ilma, il-promozzjoni u l-appoġġ tal-kooperazzjoni globali, it-tħejjija għal bidliet fit-tul u sitwazzjonijiet ta' emerġenza, u l-preżenza ta' WASH aċċessibbli u affordabbli għandhom jiġu integrati sistematikament fl-aġenda globali tal-UE.

Brussell, is-26 ta' Ottubru 2023.

Oliver RÖPKE

Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew